# Susan Richardson *(Wales)*

Traduzzjoni ta’ Simone Inguanez

Poeżiji

- *Gudrid ir-Rari*
- *Ħajja Ġdida*
- *Liebes il-Vjola s-Silġ*

**Gudrid ir-Rari**

***(1) Arnarstapi, l-Iżlanda***

Naf kif jilheġ dal-ħaxix
malli jmissu s-silġ l-ewwel darba.

Fl-iljieli sfiq xitwin
nisimgħu d-dlam jonfoħ.

Naf kif jitniehed dan l-irdum
kif jitilqu t-tjur malli jlestu.

Nisimgħu l-biki tal-baleni
ma' naxret laħ'mhom ħa jitqadded
u twerżiq dan-nir
kif fomm il-muntanja jgelgel in-nirien.

Naf kull rokna fejn il-baħar jibla' dix-xita,
bħal-jum li mietet ommi
meta Halldis u Orm
belgħu lili.

***(2) Greenland***

Jgħidulha l-Art il-Ħadra; ħadra mhix.
L-aħdar telaq – ma’ l-innoċenza tiegħi.
Inreġġa’ x-xbieha tkexkex, ma’ kull sbieħ,

tal-vjaġġ tagħna ’l haw’ – il-ħlejqiet li tellgħuni
jinbarmu mill-fewġiet, jogħtru fil-mewġiet.
Jonfoħ xehirhom għadu, ir-riħ: inħosshom

ġo kull rokna. Uċuħhom glaċieri mtertra,
ifiġġu minn diq iċ-ċpar jgħammar
f’kull rokna ta’ din l-art ċassa. Iġiegħluni nitlob

’il xi Alla ġdid, imma għadni miġbuda lejn is-sħarijiet.
miġbuda lej’ Thorstein ukoll.  Jitbissem. O,
tiżbroffa xi ħaġa stramba li tħawwadni

Bħall-art li naf,
jien koll’i silġ tal-wiċċ – ġewwa nar jaqbad.

***(3) Vinland***

Il-mewġ li ġiebna ’l haw’ kien kalm,
Id-dgħajsa tagħna mwieżna – bħal bajda ta’ gawwija fil-pala
t’id tifla ċkejkna,
imbagħad imniżżla f’dil-bejta tas-sogħda u tal-weraq tal-prinjol
f’din l-art ġdida fjamanta

u x-xemx xemx ġdida,
qawwija iktar mix-xemx li konna nafu,
qalila daqs it-togħma ta’ crowberry

u Karlsefni jħobbni mod ġdid
kliemu artab daqs il-baqta,
l-isperma tiegħu bħax-xorrox tal-butir

u għandna iben ġdid,
’il Snorri.

M’hemmx bżonn seħer f’dal-post ġdid
Fej’ ma nxommx ħarsijiet,
m’hemmx bżonn nitlob.

Imma xorta, għal ibni, nibqa’ għassa
bħal gawwija ċkejkna ta’ l-Artiku f’Arnarstapi.
lesta nogħdos ħalli ngerrex l-għawġ
u biex – jekk jiftilla tinvadi din l-art ġdida –
naqla’ għajnej’
il-Mewt.

***(4) Ruma***

Hawn, faċli temmen
– f’Alla-negozjant onest
jinnegozja semat ħanina għal għemejjel qalbenin,
– akkwistajna drappijiet jgħajtu u deheb
is-sena li baħħarna minn darna
bit-tagħbijiet ta’ sagi minn Vinland.

Hawn, l-ebda dubji f’moħħi,
biċċiet ippuntati lava sewda.

Imma hemm, jgħammar Alla miġnun daqs il-mewġ,
li jasal biex jeħodli ’l żwieġi,
                        ’l-ulied subien,
                        baqar,
                        nagħaġ,
li jgħaddi lil kull art minn agunija
mat-twelid ta’ kull frotta selvaġġa.

Nirkeb iż-żiemel ta’ l-emmna tiegħi
U nsuqu ’l hemm
ġo l-għadajjar
biex jiffaċċja
        Lilu.

***(5) Iċ-ċella tas-soru, l-Iżlanda***

Moħħi, bħalissa,     iżaqżaq bħas-silġ
– fuq is-Snaefellsjökull     felħana;
bħal-laneċ li     baħħart fuqhom
lej' l-Art il-Ħadra,     Vinland,  in-Norveġja, Ruma –
u d-dar.

Riġlejja u dirgħajja bbiesu,
bħall-irdum t'Arnarstapi,
saru kolonni    tal-bażalt.

Ruħi biss maħlula.
Infetħet,
bħall-art     f'Thingvellir,
biex tiġbed
'l Alla
fiha.

7  Susan Richardson

**Ħajja Ġdida**

Ta’ l-għaġeb kemm hu tqil, s’hawnhekk tafu.
It’ll take l-irġiel kollha l’għad baqa’
to raise it b’dak l-arblu, biex jerfgħu
l-ħajjiet ta’ ħames ġenerazzjonijiet,
it-tmienja u għoxrin ħlas,
l-uġiegħ tal-ħlas li r-raba l-għeruq fl-injam u l-ħitan,
id-dsatax-il mewt
u dawk is-sigħat kollha oilskinned
                ta’ stennija
għall-irġiel maqbuda ’l barra fil-maltemp.

Meta wliedha subien isemmu li jitilqu,
għixu f’post bla port tat-tluq,
her spirit distorts like the limbs
of a spruce fir-riħ off the water.

Hemm il-flus tal-gvern, jgħidu, jekk itmur,
U telqu tant oħrajn qabel,
imma l-bżonn li titlaq bilkemm creeps above ground,
stays stunted as bakeapples fit-tundra.

So today, flok ma ssajjar final scoff,
tippakkja t-tifkiriet li dendlet jinxfu u mellħet,
then stands alone
fuq il-blat tarahom jitilqu minn

darha għal fuq ċattra tal-bittiji, jorbtuha
ma’ dgħajsa, jpoġġuha

fuq wiċċ l-ilma

u jitolbuha
titla’     fuqha.

9  Susan Richardson

**Liebes il-Vjola s-Silġ**

L-irżieħ kien darba l-hena  tiegħi, issa xjaħt
Tlift ir-rieda li nixxennaq għal figuri ta’ ksieħ rekord.

Tant xjaħt li niftakar il-pengwini jtiru
U jibilgħu l-kwiekeb, bħan-nir imdewwed bil-krill.

Kbir biżżejjed tikmix ġildi
biex jordom qatgħat sħaħ.

Kelli biżżejjed ġlied max-xemx, biżżejjed sjuf
t’abbuż – kull biċċa minni li tiltaqa’

mal-mewġ tbiċċret sew bis-swat. Xbajt sa
nieħu l-ħtija ta’ mwiet l-irġiel

li l-marki ta’ saqajhom ħassruli wiċċi – il-bjuda tiegħi,
milli jidher, tagħti dritt lin-nies jimlewni bil-kulur

ta’ l-iżbalji u l-fallimenti tagħhom stess. Issa, jien u noqrob
lejn it-tmiem, m’għandi l-ebda ġibda nipprova naqta’
l-għatx tad-dinja. Minflok, noħlom li ngħerreq

kull nazzjon, u nisma’ l-Istorja tgedwed hi u nieżla,
niknes snin wara snin ta’ mit u tvenvin.